# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 06 ta' April, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**

**Vs**

**Luca Burroni**

**Kumpilazzjoni Nru: 191/2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Luca Burroni detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 83780 (A).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi zminijiet bejn Novembru tas-sena 2015 u April tas-sena 2016:-

1. L-imgieba tieghu ammontat ghal segwiment ta' persuna bil-mohbi u kkaguna lil Vanessa Zahra (ID 276382M) biza' li f'ghallinqas zewg okkazzjonijiet kienet ser tintuza' vjolenza fuqha, kif ukoll ikkaguna fuq Vanessa Zahra allarm jew dwejjaq li kellu effett avers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' Vanessa Zahra.

2. U aktar talli bl-imgieba tieghu kkaguna lil Vanessa Zahra (ID 276382M) il-biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) ta' Kap 9.

3. Aktar talli fl-istess cirkostanzi ta fastidju lil Vanessa Zahra (ID 276382M) meta kien jaf jew messu kien jaf li l-agir tieghu kien ta' fastidju ghal imsemmija persuna, liema persuna hija msemmija fl-Artikolu 222 (1) ta' Kap 9.

4. U aktar talli insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Vanessa Zahra (ID 276381M).

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Vanessa Zahra kif ukoll ghal familjari taghha.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migujba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.
Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 251A, 251B, 251BA u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tigi sospieza ghal perjodu ta' tlett (3) snin u multa ta' elfejn Euro (€2,000) li ghandha tithallas fi zmien tlett (3) xhur. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikoli 382A u 412C ta'l-istess Kapitolu 9 biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Vanessa Zahra qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fiz-zmien prefiss u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**